ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Kompetenzi Ewlenin

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2022

ID-DISA' SENA IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) IL-ĦIN: Siegħa u nofs

L-Isem: _____ Il-Klassi: _____

Għall-għalliema:

Assessjar kontinwu	It-Taħdit u s-Smigħ	Il-Qari	Il-Kitba	Il-Letteratura	Il-Proġett	Il-Fehim mis-Smigħ	It-Total
	10	10	10	10	10	10	60

Assessjar summattiv	Taħriġ il-Fehem	Il-Grammatika	Il-Kitba Funzjonali	Il-Kitba Libera	It-Total
	10	10	5	15	40

It-Total aħħari
100

A. TAĦRIĠ IL-FEHEM 10 marki

Aqra s-silta t'hawn isfel. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.

Dakinhar xejn ma' seta' jiġi tajjeb!

Kienet se tkun l-ewwel ġurnata tal-iskola u ma nafx għalfejn, sfortunatament, qomt b'uġigħ ta' ras taqsam. Daħħaltha f'rasi li l-uġigħ kien forsi ġej mill-eċitament li jġib miegħu l-ewwel jum skolastiku. (par. 1)

Kif saru s-sebgħa u kwart, ommi u jien bdejna ninkwetaw għaliex tal-vann li suppost kellu jgħaddi għalija, diġà kien għoxrin minuta tard. Jistennew miegħi kien hemm sħabi Nick u Martina. Kollha bdejna nitħassbu u għalhekk ommi ċemplet lix-xufier li tiegħu kienu tawna n-numru. Dan infurmaha illi fuq il-lista tiegħu ma kellux imniżżel il-knisja ta' Santa Luċija u għalhekk kellu jinqala' missieri u wassalna lkoll. Sfortunatament, l-iskola wasalna tletin minuta tard. (par. 2)

L-iskola kollox kien miexi ħarir, meta f'daqqa waħda fir-raba' lezzjoni rasi reġgħet bdiet tuġagħni u bdejt anki nħossni mdardra. Ċempluli d-dar għax bdejt nara kollox idur bija. (par. 3)

Għamilt qalbi sewda għax dakinhar kelli logħba basketball importanti, imma issa kont ċerta li kont se nitlifha. Tard filgħaxija, bdiet se tgħaddili rasi u ħsibtha li nara ftit televiżjoni. Imma lanqas temmen, inqata' d-dawl! Ħsibtha li aħjar norqod u ninsa dak kollu li għaddejt minnu matul il-jum. (par. 4)

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. Immarka l-kaxxa bit-tweġiba t-tajba.

   a. F'dan il-jum imsemmi f'din il-silta kollox ġie

   ❑ tajjeb. ❑ ħażin. (marka)

   b. Is-sena skolastika kienet se

   ❑ tibda. ❑ tispiċċa. (marka)

2. Kemm-il minuta waslu tard l-iskola? (par. 2)

   _____ minuta (marka)

3. Immarka jekk hux Veru jew Falz. (3 marki)

		Veru	Falz
a.	Omm Martina ċemplet lix-xufier.		
b.	Huma qagħdu jistennew lix-xufier fejn il-knisja ta' Santa Luċija.		
ċ.	Minħabba li kienet ma tiflaħx, kienet se titlef logħba futbol.		

4. F'liema lezzjoni bdiet tħoss rasha tuġagħha? (par. 3)

   _____ (marka)

5. Immarka l-kaxxa tat-tifsira t-tajba skont is-silta.

   a. 'kollox kien <u>miexi ħarir</u>' (par.3) tfisser li kollox kien sejjer

   ❑ ħażin. ❑ tajjeb. (marka)

   b. 'Bdiet tara <u>kollox idur biha</u>' (par.3) tfisser li bdiet

   ❑ tistordi. ❑ titħawwad. (marka)

6. Meta bdiet se tgħaddilha rasha ħasbitha li tara ftit televiżjoni. Għaliex ma rnexxilhiex? (par.4)

_____ (marka)

B. IL-GRAMMATIKA 10 marki

1. Imla l-vojt billi tikteb il-Konġunzjoni t-tajba mill-kaxxa t'hawn taħt. Ara l-eżempju.

(3 marki)

għax	**imma**	**u**	**meta**

Eż: Andrew, Matthew **u** Julian huma kollha sħabi.

a. Kemm ħadt gost _____ reġgħet fetħet l-iskola.

b. Jien naqra _____ irrid nitgħallem.

ċ. Fil-knisja rajt lill-kuġin _____ ma kellimtux.

2. F'din is-sentenza għandek issib 4 verbi. Sibhom u aqta' linja taħthom. Ara l-eżempju. (2 marki)

Eż: Il-missier **ra** żiemel u **ħarab**.

a. Il-qtates ħarbu jiġru malli semgħu l-klieb jinbħu.

3. Ikteb kliem flok numri. Ara l-eżempju. (2 marki)

Eż: Xtrajt **żewġ** (2) kotba.

a. Fil-klassi qegħdin

_____ (20) student.

b. Fis-_____ (7)

tal-lejla nitilqu.

4. Imla l-vojt billi tikteb il-partiċella mehmuża mal-artiklu li hemm fil-kaxxa. Hemm waħda żejda. Ara l-eżempju. (3 marki)

tas-	għax-	mit-	fil-	lill-

Eż: Mit-tieqa setgħet tara l-ġnien ta' Marija.

a. Nina żaret _____ qraba tagħha fl-Amerka.

b. Missieri dilettant _____ sajd.

ċ. Nieżla x-xita u ma tistax toħroġ _____ bitħa.

Ċ. IL-KITBA FUNZJONALI 5 marki

Kompli dan id-djalogu mal-ħabib tiegħek li kont ilek ma tarah mis-sitt sena tal-primarja. Issa erġajtu ltqajtu f'ċentru taż-żgħażagħ li bdejtu tattendu dan l-aħħar. Uża l-linji vojta.

Jien: Ara lil min qed nara! Int mhux Mark?

Mark: _____

_____

_____

_____

Jien: Għaddew ftit snin mhux ħażin mill-aħħar li rajtek. Jien, issa qiegħed l-iskola tal-mużika u anki qbadt nitgħallem strument ġdid. Int x'qed tagħmel sabiħ?

Mark:



Jien: Ħadt gost ħafna li rajtek imma se jkolli nħallik. Saħħa.

Mark:



D. IL-KITBA LIBERA — 15-il marka

Agħżel **A jew B** u wara ikteb bejn 120-150 kelma dwar it-titlu li għażilt. Uża l-kaxxa tal-għajnuniet biex tkun taf x'għandek tikteb u f'liema parti.

A. L-isbaħ parti fid-dar

Għajnuniet:

- Liema hi l-isbaħ parti tad-dar? (Il-kamra tas-sufan, kamartek, il-kċina, il-ġnien eċċ)
- X'hemm f'din il-parti tad-dar?
- X'tista' tisma' u xxomm?
- X'tagħmel f'dan il-post partikolari?
- Għaliex togħġbok?

Jew

B. Xena li nara kuljum minn kamarti

Għajnuniet:

- Fejn toqgħod? Qrib il-baħar, fil-kampanja, ġo belt jew f'xi raħal?
- Iddeskrivi x'tara, xi xxomm u anki x'tisma' ta' spiss?
- Tara differenza minn binhar għal billejl?
- Togħġbok din ix-xena? Għaliex?

Titlu : _____

L-introduzzjoni :

_____

_____

_____

_____

Il-kontenut :

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

Il-konklużjoni :

_____

_____

_____

_____

Tmiem